MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Numru 769/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**VS**
**MOHAMAD HANNAN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamad Hannan, nazzjonalita' Sirjana, imwieled f'Damascus, Sirja, fit-12 ta' Jannar 1979, iben Bahri u Aicha u detentur tal-Passaport Sirjan bin-numru 000902374

Illi huwa akkuzat talli fid-29 ta' Lulju 2010 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Permess ghar-Residenza Grieg jew uza jew kellu fil-pussess tieghu Permess ghar-Residenza Grieg li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Mohamad Hannan bin-numru GR1839426 (Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta);

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni, fid-dokument fuq imsemmija (Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Mohamad Hannan**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 189 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkudanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt illi l-imputat huwa kurd u qed ihejji proceduri sabiex jigi kkonsidrat bhala refugjat fost konsiderazzjonijiet ohra fosthom il-fatt illi l-imputat ghandu jitqies bhala *a first offender* u bhala tali ghandu jibbenefika, bhal kull persuna ohra illi jidher quddiem il-Qrati Maltin, minn piena alternattiva, ghajr dik ta’ prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------